IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 196 final

ANNEX 10

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

PROTOKOLL 1

DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW" U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

WERREJ

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TAQSIMA 2

Definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti li Joriġinaw"

Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Kumulazzjoni tal-Oriġini

Artikolu 4 Prodotti Miksuba Kompletament

Artikolu 5 Prodotti Maħduma jew Ipproċessati Suffiċjentement

Artikolu 6 Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti

Artikolu 7 Unità ta' Kwalifika

Artikolu 8 Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

Artikolu 9 Settijiet

Artikolu 10 Elementi Newtrali

Artikolu 11 Segregazzjoni ta' Kontabilità

TAQSIMA 3
Rekwiżiti Territorjali

Artikolu 12 Prinċipju tat-Territorjalità
Artikolu 13 Nonalterazzjoni
Artikolu 14 Wirjiet

TAQSIMA 4
Rifużjoni jew Eżenzjoni

Artikolu 15 Projbizzjoni ta' Rifużjoni ta' Dazji Doganali, jew Eżenzjoni minnhom

TAQSIMA 5
Dikjarazzjoni tal-Oriġini

Artikolu 16 Rekwiżiti Ġenerali
Artikolu 17 Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni tal-Oriġini
Artikolu 18 Esportatur Approvat
Artikolu 19 Validità tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini
Artikolu 20 Sottomissjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini
Artikolu 21 Importazzjoni Gradwali
Artikolu 22 Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni tal-Oriġini
Artikolu 23 Dokumenti ta' Sostenn
Artikolu 24 Preżervazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini u tad-Dokumenti ta' Sostenn
Artikolu 25 Diskrepanzi u Żbalji Formali
Artikolu 26 Ammonti f'Euro

TAQSIMA 6
Arranġamenti għal Kooperazzjoni Amministrattiva

Artikolu 27 Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti
Artikolu 28 Verifika tad-Dikjarazzjonijiet tal-Oriġini
Artikolu 29 Inkjesti Amministrattivi
Artikolu 30 Soluzzjoni għat-Tilwim
Artikolu 31 Penali

TAQSIMA 7
Ceuta u Melilla

Artikolu 32 Applikazzjoni ta' dan il-Protokoll
Artikolu 33 Kundizzjonijiet Speċjali

TAQSIMA 8
Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 34 Emendi għal dan il-Protokoll
Artikolu 35 Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Merkanzija fi Tranżitu jew Maħżuna

Lista ta’ Appendiċi

ANNESS A:	NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS B
ANNESS B:	LISTA TAX-XOGĦOL JEW IL-PROĊESSI MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA’ JIKSEB L-ISTATUS TA’ ORIĠINI
ANNESS B(a):	ADDENDUM GĦALL-ANNESS B
ANNESS C:	MATERJALI ESKLUŻI MINN KUMULAZZJONI FIL-PARAGRAFU 2 TAL-ARTIKOLU 3
ANNESS D:	IL-PRODOTTI MSEMMIJIN FIL-PARAGRAFU 9 TAL-ARTIKOLU 3 LI GĦALIHOM IL-MATERJALI LI JORIĠINAW F’PAJJIŻ ASEAN JITQIESU BĦALA MATERJALI LI JORIĠINAW F’PARTI
ANNESS E:	TEST TAD-DIKJARAZZJONI TAL-ORIĠINI

Dikjarazzjonijiet Konġunti

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA dwar il-Prinċipat tal-Andorra

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA dwar ir-Repubblika ta’ San Marino

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA dwar ir-Reviżjoni tar-Regoli tal-Oriġini li jinsabu fil-Protokoll 1

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) "Pajjiż ASEAN" tfisser stat membru tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja li mhuwiex Parti minn dan il-Ftehim;

(b) "kapitoli" u "intestaturi" u "subintestaturi" ifissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi użati fin-nomenklatura li jifformaw is-Sistema Armonizzata mal-bidliet skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2004 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali;

(c) "klassifikat" tirreferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi kapitolu, intestatura, jew subintestatura tas-Sistema Armonizzata;

(d) "kunsinna" tfisser prodotti li jew jintbagħtu fl-istess ħin minn esportatur lejn destinatarju jew inkella li huma koperti b'dokument tat-trasport uniku li jkopri l-vjeġġ tagħhom mill-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;

(e) “valur doganali” tfisser il-valur kif stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali

(f) “prezz mill-fabbrika” tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur li fl-impriża tiegħu jitwettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, diment li l-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-ispejjeż kollha l-oħrajn relatati mal-produzzjoni tiegħu, nieqes kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista’ titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat.

Meta l-prezz propju mħallas ma jkunx jirrifletti l-ispejjeż kollha relatati mal-manifattura tal-prodott li fil-fatt jiġġarrbu fl-Unjoni jew f’Singapore, il-prezz mill-fabbrika jfisser is-somma ta’ dawk il-kostijiet kollha, nieqes kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista’ titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(g) “materjali funġibbli” tfisser materjali li huma tal-istess xorta u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jingħarfu minn xulxin ladarba jiġu inkorporati fil-prodott lest;

(h) “merkanzija” tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

(i) “manifattura” tfisser kull tip ta’ xogħol jew ipproċessar inkluż l-assemblaġġ;

(j) “materjal” tfisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użati fil-manifattura tal-prodott;

(k) “prodott” tfisser il-prodott li jiġi manifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu iktar tard f’xi operazzjoni oħra ta’ manifattura; u

(l) “valur tal-materjali” tfisser il-valur doganali fil-ħin tal-importazzjoni tal-materjali li ma joriġinawx użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali fl-Unjoni jew f’Singapore.

2. Għall-finijiet tas-subparagrafu 1(f), meta l-aħħar xogħol jew ipproċessar ikun ġie mogħti b’sottokuntratt lil manifattur, it-terminu “manifattur” jista’ jkun jirreferi għall-impriża li ħaddmet lis-sottokuntrattur.

TAQSIMA 2

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' “PRODOTTI LI JORIĠINAW”

ARTIKOLU 2

Rekwiżiti Ġenerali

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin jitqiesu li joriġinaw f’Parti:

(a) prodotti miksubin kompletament f’Parti fis-sens tal-Artikolu 4; u

(b) prodotti miksubin f’Parti li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu kompletament hemmhekk, diment li dawn il-materjali jkunu nħadmu u ġew ipproċessati biżżejjed fil-Parti kkonċernata skont it-tifsira tal-Artikolu 5.

ARTIKOLU 3

Kumulazzjoni tal-Oriġini

1. Minkejja l-Artikolu 2 (Rekwiżiti Ġenerali), il-prodotti jitqiesu li oriġinaw f'Parti jekk tali prodotti jinkisbu hemm billi jinkorporaw materjali li joriġinaw mill-Parti l-oħra, diment li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti). Ma jkunx hemm bżonn li l-materjali tal-Parti l-oħra jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed.

2. Materjali li joriġinaw f'pajjiż ASEAN li jkun qed japplika ftehim preferenzjali mal-Unjoni skont l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994, jitqiesu li huma materjali li joriġinaw f'Parti meta jkunu inkorporati fi prodott miksub f'dik il-Parti diment li jkun sarilhom xogħol jew ikunu ġew ipproċessati f'dik il-Parti li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-oriġini tal-materjali tkun determinata skont ir-regoli tal-oriġini applikabbli fil-kuntest tal-ftehimiet preferenzjali tal-Unjoni ma' dawk il-pajjiżi.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-istatus tal-oriġini tal-materjali esportati minn wieħed mill-pajjiżi ASEAN lejn Parti sabiex jintużaw f'iktar xogħol jew ipproċessar jiġi stabbilit permezz ta' prova tal-oriġini li skont din dawn il-materjali jistgħu jiġu esportati direttament lejn l-Unjoni.

5. Il-kumulazzjoni pprovduta fil-paragrafi 2 sa 7 tista’ tiġi applikata biss diment li:

(a) il-pajjiżi ASEAN involuti fil-kisba tal-istatus tal-oriġini ħadu impenn li:

(i) jikkonformaw jew jiżguraw konformità ma’ dan il-Protokoll; u

(ii) jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta’ dan il-Protokoll kemm fir-rigward tal-Unjoni kif ukoll bejniethom;

(b) l-impriżi msemmijin fis-subparagrafu (a) ġew notifikati lill-Unjoni.

6. Dikjarazzjonijiet tal-oriġini maħruġin b’applikazzjoni tal-paragrafu 4 jkollhom fuqhom waħda mill-entrati li ġejjin:

(a) “Applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Protokoll 1 tal-FTA tal-UE/Singapore”; jew

(b) “Application du paragraphe 2 de l'article 3 du protocole n° 1 de l'ALE UE/Singaporee”.

7. Il-materjali elenkati fl-Anness C għal dan il-Protokoll ikunu esklużi mill-kumulazzjoni stipulata fil-paragrafu 2 sa 6 meta fiż-żmien tal-importazzjoni tal-prodott:

(a) il-preferenza tat-tariffa applikabbli għall-materjali f'Parti ma tkunx l-istess għall-pajjiżi kollha involuti fil-kumulazzjoni; u

(b) il-materjali kkonċernati jkunu jibbenefikaw, permezz tal-kumulazzjoni, minn trattament tat-tariffa iktar favorevoli minn dak li jirċievu li kieku jiġu esportati lil Parti direttament.

8. Fuq it-talba ta' Parti, il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat tad-Dwana stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), jemendaw l-Anness C għal dan il-Protokoll. Kwalunkwe talba għal emenda bħal din għandha tiġi komunikata lill-Parti l-oħra tal-inqas xahrejn qabel jiltaqa' dak il-Kumitat.

9. Materjali li joriġinaw f'pajjiż ASEAN jitqiesu bħala materjali li joriġinaw f'Parti meta jiġu pproċessati iktar jew inkorporati f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness D għal dan il-Protokoll miksubin hemm, diment li jkunu nħadmu jew ikunu ġew ipproċessati f'dik il-Parti lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti).

10. Għall-finijiet tal-paragrafu 9, l-oriġini tal-materjali tiġi ddeterminata skont ir-regoli preferenzjali tal-oriġini applikabbli għall-pajjiżi benefiċjarji tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SPĠ") li huma stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93.

11. Għall-finijiet tal-paragrafu 9, l-istatus tal-oriġini tal-materjali esportati minn wieħed mill-pajjiżi ASEAN lejn Parti sabiex jintużaw f'iktar xogħol jew ipproċessar jiġi stabbilit permezz ta' prova tal-oriġini skont ir-regoli preferenzjali applikabbli għall-pajjiżi benefiċjarji tas-SPĠ kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93.

12. Il-kumulazzjoni pprovduta fil-paragrafi 9 sa 13 tista' tiġi applikata biss diment li:

    (a) il-pajjiżi ASEAN involuti fil-kisba tal-istatus tal-oriġini ħadu impenn li:

        (i) jikkonformaw jew jiżguraw konformità ma' dan il-Protokoll; u

        (ii) jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' dan il-protokoll kemm fir-rigward tal-Unjoni kif ukoll bejniethom;

    (b) l-impriżi msemmijin fis-subparagrafu (a) ġew notifikati lill-Unjoni.

13. Dikjarazzjonijiet tal-oriġini maħruġin b'applikazzjoni tal-paragrafu 9 jkollhom fuqhom waħda mill-entrati li ġejjin:

(a) "Applikazzjoni tal-Artikolu 3(9) tal-Protokoll 1 tal-FTA tal-UE/Singapore"; jew

(b) "Application du paragraphe 9 de l'article 3 du protocole n° 1 de l'ALE UE/Singaporee".

14. Fuq it-talba ta' Parti, il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat tad-Dwana stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), jemendaw l-Anness D għal dan il-Protokoll. Kwalunkwe talba għal emenda bħal din tiġi komunikata lill-Parti l-oħra tal-inqas xahrejn qabel jiltaqa' l-Kumitat.

15. Il-kumulazzjoni stipulata fil-paragrafi 9 sa 13 ma tibqax tapplika meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafi 2 sa 7.

ARTIKOLU 4

Prodotti Miksuba Kompletament

1. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala miksuba kompletament f'Parti:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija tagħhom jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;

(b) pjanti u prodotti tal-ħxejjex imkabbra jew maħsuda hemm;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemm;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemm;

(e) prodotti minn annimali mbiċċra mwielda u mrobbija hemm;

(f) prodotti miksubin b'kaċċa jew sajd li saru hemm;

(g) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski jitwieldu u jitrabbew hemm;

(h) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar barra mill-ibħra territorjali ta' Parti mill-bastimenti tagħhom;

(i) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbriki tagħhom b'mod esklużiv mill-prodotti msemmija fis-subparagrafu (h);

(j) oġġetti użati miġbura hemmhekk li jkunu adatti biss għall-irkupru ta' materja prima;

(k) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;

(l) prodotti estratti mill-ħamrija jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija marittima barra mill-ibħra territorjali diment li għandhom drittijiet uniċi li jaħdmu dik il-ħamrija jew saff ta' taħt il-ħamrija; u

(m) merkanzija prodotta hemm esklużivament minn prodotti speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (l).

2. It-termini “il-bastimenti tagħhom” u “il-bastimenti fabbriki tagħhom” fis-subparagrafi 1(h) u 1(i) japplikaw biss għal bastimenti u bastimenti fabbriki:

(a) li jkunu rreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni jew f’Singapore;

(b) li jbaħħru bil-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni jew ta’ Singapore; u

(c) li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu tal-inqas ħamsin fil-mija proprjetà ta’ ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni jew ta’ Singapore;

jew

(ii) ikunu l-proprjetà ta’ kumpaniji:

(1) li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom u s-sede prinċipali tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni jew f’Singapore, u

(2) li jkunu mill-anqas ħamsin fil-mija proprjetà ta’ Stat Membru tal-Unjoni jew ta’ Singapore, entitajiet pubbliċi jew ċittadini ta’ Parti.

ARTIKOLU 5

Prodotti Maħduma jew Ipproċessati Suffiċjentement

1. Għall-finijiet tas-subparagrafu (b) tal-Artikolu 2 (Rekwiżiti Ġenerali), prodotti li ma jkunux kompletament miksuba jitqiesu maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness B jew B(a) għal dan il-Protokoll.

2. Il-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti b'dan il-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura, u japplikaw biss fir-rigward tat-tali materjali. Minn dan jirriżulta li jekk prodott ikun kiseb status tal-oriġini billi jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness B jew B(a) għal dan il-Protokoll jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodott li fih ikun inkorporat ma jkunux japplikaw għalih, u ma jitqiesux il-materjali li ma joriġinawx li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 u soġġetti għall-paragrafi 4 u 5, materjali li ma joriġinawx li, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness B jew B(a) għal dan il-Protokoll, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott partikolari xorta waħda jistgħu jintużaw, diment li l-valur totali jew il-piż nett tagħhom ivvalutat għall-prodott ma jaqbiżx:

   (a) għaxra fil-mija tal-piż tal-prodott għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 2 u 4 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, minbarra l-prodotti tas-sajd ipproċessati tal-Kapitolu 16;

(b) għaxra fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott għal prodotti oħrajn, ħlief għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom għandhom japplikaw it-tolleranzi msemmijin fin-Noti 6 u 7 tal-Anness A ta' dan il-Protokoll.

4. Il-paragrafu 3 ma jippermettix li jinqabeż xi wieħed mill-perċentwali għall-kontenut massimu tal-materjali li ma joriġinawx kif speċifikat fil-lista tal-Anness B għal dan il-Protokoll.

5. Il-paragrafi 3 u 4 ma japplikawx għal prodotti miksuba kompletament f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 (Prodotti Miksuba Kompletament); Madankollu, mingħajr ħsara għall-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti) u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 7 (Unità ta' Kwalifika), it-tolleranza stipulata f'dawk il-paragrafi xorta tiġi applikata għas-somma tal-materjali kollha li jintużaw fil-manifattura ta' prodott u li għalihom ir-regola stabbilita fil-lista fl-Anness B għal dan il-Protokoll għal dak il-prodott tirrikjedi li t-tali materjali jinkisbu kompletament.

ARTIKOLU 6

Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jingħata l-istatus ta' prodott li joriġina, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 ikunu sodisfatti kif ukoll jekk le (Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed):

(a) proċessi ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;

(b) żmuntar u assemblaġġ tal-pakketti;

(c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew kisi ieħor;

(d) mogħdija jew pressa tat-tessuti u oġġetti tat-tessuti;

(e) proċessi sempliċi ta' żebgħa u lostru;

(f) ħruġ mill-fosdqa u tħin parzjali jew sħiħ ta' ross; illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex ikunu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallin;

(h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew tfesdiq ta' frott, ġewż u ħaxix;

(i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) għarbil, skrining, tqassim, klassifikar, għoti ta' grad jew tqabbil (inkluż it-tfassil ta' settijiet ta' oġġetti);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, kontenituri, jew kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-proċessi sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm ta' tipi differenti u anki le; taħlit ta' zokkor ma' kwalunkwe materjal;

(n) żieda sempliċi ta' ilma jew dilwizzjoni jew deidratazzjoni jew denaturazzjoni ta' prodotti;

(o) assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jikkostitwixxu oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(p) taħlita ta' żewġ operazzjonijiet jew iktar speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (o); jew

(q) tbiċċir tal-annimali.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet jitqiesu sempliċi meta ma jkunu meħtieġa la ħiliet speċjali u lanqas makkinarji, apparati jew għodod manifatturati jew installati speċjalment għal dawn l-operazzjonijiet għat-twettiq tagħhom.

3. L-operazzjonijiet kollha mwettqin fl-Unjoni jew f'Singapore fuq prodott partikolari jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi stabbilit jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

ARTIKOLU 7

Unità ta' Kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll tkun il-prodott li jitqies bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

2. Meta kunsinna tkun imsawra minn numru ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull oġġett individwali jitqies fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Meta, skont ir-Regola Ġenerali Interpretattiva 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, dan jiġi inkluż għall-finijiet tal-istabbiliment tal-oriġini.

ARTIKOLU 8

Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodod mibgħuta ma' biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tiegħu jew li ma jkollhomx fattura separata, jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura inkwistjoni.

ARTIKOLU 9

Settijiet

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Interpretattiva Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-prodotti komponenti kollha jkunu prodotti li joriġinaw. Meta sett ikun imsawwar minn prodotti li joriġinaw u prodotti li ma joriġinawx, is-sett sħiħ jitqies li joriġina, diment li l-valur tal-prodotti li ma joriġinawx ma jaqbiżx il-ħmistax fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

ARTIKOLU 10

Elementi Newtrali

Sabiex jiġi determinat jekk prodott joriġinax, ma hemmx bżonn li tiġi stabbilita l-oriġini tal-oġġetti ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) enerġija u fjuwil;

(b) pjanti u tagħmir, inklużi prodotti li ser jintużaw għall-manutenzjoni tagħhom;

(c) makkinarji u għodod u żebgħa u forom; spare parts u materjali użati fil-manutenzjoni ta' tagħmir u bini; lubrikanti, griż, materjali għall-kompostar u materjali oħrajn użati fil-produzzjoni jew użati biex jitħaddmu tagħmir u binjiet; ingwanti, nuċċalijiet, żraben, ilbies, tagħmir u provvisti tas-sikurezza; tagħmir, apparati u provvisti użati għat-testijiet jew l-ispezzjoni tal-prodott; katalist u solvent; u

(d) prodotti oħrajn li ma jidħlux u ma jkunux intenzjonati li jidħlu fis-sawra finali tal-prodott.

ARTIKOLU 11

Segregazzjoni tal-Kontabilità

1. Jekk materjali funġibbli li joriġinaw u li ma joriġinawx jintużaw biex jinħadem jew jiġi pproċessat prodott, l-awtoritajiet governattivi kompetenti jistgħu, wara t-talba bil-miktub tal-operaturi ekonomiċi, jawtorizzaw il-ġestjoni tal-materjali permezz tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabilità bla ma jżommu l-materjali f'ħażniet separati.

2. L-awtoritajiet governattivi kompetenti jistgħu jagħmlu l-għoti tal-awtorizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa.

3. L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabilità jkun jista' jiġi żgurat li, fi kwalunkwe ħin, in-numru ta' prodotti miksubin li jitqiesu li joriġinaw fl-Unjoni jew f'Singapore huwa daqs in-numru li kien jinkiseb bl-użu ta' metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

4. Jekk jiġi awtorizzat, jiġi applikat il-metodu bħat-teħid tal-medja, l-ewwel tal-aħħar, jew l-ewwel ġewwa, l-ewwel barra, u l-applikazzjoni tiegħu tiġi rreġistrata fuq il-bażi tal-prinċipji kontabilistiċi ġenerali applikabbli fl-Unjoni jew f'Singapore, skont fejn huwa manifatturat il-prodott.

5. Manifattur li juża l-metodu ta’ segregazzjoni tal-kontabilità jimla jew japplika għal dikjarazzjonijiet tal-oriġini għall-kwantità ta’ prodotti li jistgħu jitqiesu li joriġinaw fil-Parti esportatriċi. Wara t-talba tal-awtoritajiet tad-dwana jew l-awtoritajiet governattivi kompetenti tal-Parti esportatriċi, il-benefiċjarju jipprovdi dikjarazzjoni ta’ kif ġew amministrati l-kwantitajiet.

6. L-awtoritajiet governattivi kompetenti jżommu għajnejhom fuq l-użu tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u jistgħu jirtirawha jekk il-manifattur jagħmel użu ħażin minnha jew jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħrajn stipulati f’dan il-Protokoll.

TAQSIMA 3

REKWIŻITI TERRITORJALI

ARTIKOLU 12

Prinċipju tat-Territorjalità

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2 relatati mal-kisba ta’ status tal-oriġini jridu jiġu ssodisfati bla interruzzjoni f’Parti.

2. Jekk prodotti li joriġinaw esportati minn Parti lejn non-Parti jerġgħu lura, dawn iridu jitqiesu li ma joriġinawx, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) il-prodotti li jerġgħu lura jkunu l-istess bħal dawk esportati; u

(b) ma jkunu għaddew mill-ebda operazzjoni aktar milli jkun hemm bżonn sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba waqt li kienu f'dik in-non-Parti jew waqt li kienu qed jiġu esportati.

ARTIKOLU 13

Nonalterazzjoni

1. Il-prodotti ddikjarati għal importazzjoni f'Parti jkunu l-istess prodotti kif esportati mill-Parti l-oħra li fihom jitqiesu li joriġinaw. Ma jkunux ġew alterati, ittrasformati b'xi mod jew soġġetti għal operazzjonijiet ħlief operazzjonijiet biex jinżammu f'kundizzjoni tajba jew ħlief iż-żieda jew it-twaħħil ta' marki, tikketti, siġilli jew xi dokumentazzjoni oħra biex tiġi żgurata konformità ma' rekwiżiti domestiċi tal-Parti importatriċi, qabel ġew iddikjarati għall-importazzjoni.

2. Il-ħżin ta' prodotti jew kunsinni jista' jsir diment li jibqgħu taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) ta' tranżitu.

3. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5, il-qsim tal-kunsinni jista' jseħħ meta jitwettaq mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu diment li jibqgħu taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) ta' tranżitu.

4. Il-konformità mal-paragrafi 1 sa 3 titqies issodisfata sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollhomx raġuni biex jemmnu bil-kontra; f'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant sabiex jipprovdi evidenza ta' konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inkluż dokumenti tat-trasport kuntrattwali bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreti msejsa fuq immarkar jew enumerazzjoni ta' pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-merkanzija stess.

ARTIKOLU 14

Wirjiet

1. Prodotti li joriġinaw, mibgħuta għall-esibizzjoni f'pajjiż ieħor li mhuwiex Parti u mibjugħin wara l-wirja għal importazzjoni f'Parti jibbenefikaw fuq l-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim diment li jintwera għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet doganali li:

(a) esportatur bagħat dawn il-prodotti minn Parti għall-pajjiż li fih saret il-wirja u li werihom hemmhekk;

(b) il-prodotti nbiegħu jew ġew ċeduti b'xi mod ieħor minn dak l-esportatur lil persuna f'Parti;

(c) il-prodotti ġew kunsinjati matul il-wirja jew eżatt wara fl-istat li ntbagħtu fih għall-wirja; u

(d) il-prodotti, mindu ġew kunsinjati għall-wirja, ma ntużawx għal xi skop ieħor ħlief għall-wiri fil-wirja.

2. Dikjarazzjoni tal-oriġini tinħareġ jew timtela skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 u mbagħad tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi bħas-soltu. L-isem u l-indirizz tal-wirja jridu jkun indikati fuqha. Fejn meħtieġ, jista' jkun hemm bżonn ta' evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li fihom intwerew.

3. Il-paragrafu 1 japplika għal kwalunkwe negozju, wirja industrijali, agrikola jew tas-snajja', fiera jew wirja jew esibizzjoni pubblika simili li mhijiex organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew bini tan-negozju bil-għan li jinbiegħu prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll tad-dwana.

TAQSIMA 4

RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

ARTIKOLU 15

Projbizzjoni ta' Rifużjoni ta' Dazji Doganali, jew Eżenzjoni Minnhom

1. Materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jew f'Singapore li għalihom tinħareġ jew timtela dikjarazzjoni tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5 ma jkunux soġġetti għal rifużjoni ta' dazji doganali ta' kull xorta, jew eżenzjoni minnhom, fl-Unjoni jew f'Singapore.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 tapplika għal kwalunkwe arranġament għal rifużjoni, maħfra jew nuqqas ta' ħlas, parzjali jew sħiħ, tad-dazji doganali jew tariffi b'effett ekwivalenti, applikabbli fl-Unjoni jew f'Singapore għal materjali użati fil-manifattura, fejn it-tali rifużjoni, maħfra jew nuqqas ta' ħlas japplikaw, b'mod espress jew b'effett, meta l-prodotti miksubin mit-tali materjali jiġu esportati u mhux meta jinżammu għal użu fid-djar hemmhekk.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkun ippreparat biex fi kwalunkwe ħin jissottometti, fuq talba tal-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li juru li ma nkisbet ebda rifużjoni fir-rigward tal-materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji doganali jew it-tariffi b'effett ekwivalenti kollha applikabbli għat-tali materjali fil-fatt tħallsu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3japplikaw ukoll fir-rigward tal-imballaġġ skont it-tifsira tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 7 (Unità ta' Kwalifika), aċċessorji, spare parts u għodod skont it-tifsira tal-Artikolu 8 (Aċċessorji, Spare Parts u Għodod), u l-prodotti f'sett skont it-tifsira tal-Artikolu 9 (Settijiet), meta t-tali oġġetti ma jkunux joriġinaw.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 japplikaw biss fir-rigward ta' materjali li huma soġġetti għal dan il-Protokoll.

TAQSIMA 5

DIKJARAZZJONI TAL-ORIĠINI

ARTIKOLU 16

Rekwiżiti Ġenerali

1. Il-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, meta jiġu importati f'Singapore, u l-prodotti li joriġinaw f'Singapore, meta jiġu importati fl-Unjoni, jibbenefikaw minn trattament tariffarju preferenzjali ta' dan il-Ftehim wara sottomissjoni ta' dikjarazzjoni, (minn hawn 'il quddiem imsejħa id-"dikjarazzjoni tal-oriġini"). Id-dikjarazzjoni tal-oriġini hija pprovduta fuq fattura jew xi dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott li joriġina f'biżżejjed dettall sabiex ikun jista' jiġi identifikat.

2. Prodotti li joriġinaw skont it-tifsira ta' dan il-Protokoll, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 22 (Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni tal-Oriġini), jibbenefikaw mit-trattament tariffarju preferenzjali ta' dan il-Ftehim mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ppreżentat xi wieħed mid-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 17

Kundizzjonijiet għall-Mili ta’ Dikjarazzjoni tal-Oriġini

1. Dikjarazzjoni tal-oriġini kif imsemmija fl-Artikolu 16 (Rekwiżiti Ġenerali) tista’ timtela:

(a) fl-Unjoni:

(i) minn esportatur skont it-tifsira tal-Artikolu 18 (Esportatur Approvat); jew

(ii) minn esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti f’pakkett wieħed jew iktar li jkun fih/fihom prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-EUR 6 000.

(b) f’Singapore minn esportatur li huwa:

(i) irreġistrat mal-awtorità kompetenti u li rċieva Numru Uniku tal-Entità; u

(ii) konformi mad-dispożizzjonijiet regolatorji relevanti f’Singapore għall-mili tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

2. Dikjarazzjoni tal-oriġini tista’ timtela jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jew f’Singapore u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta’ dan il-Protokoll.

3. L-esportatur li jimla d-dikjarazzjoni tal-oriġini jkun ippreparat sabiex fi kwalunkwe ħin u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi, jissottometti d-dokumenti xierqa kollha msemmijin fl-Artikolu 23 (Dokumenti ta' Sostenn) li juru l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li huma ssodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.

4. Dikjarazzjoni tal-oriġini timtela mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, it-test li jidher fl-Anness E għal dan il-Protokoll, skont il-liġi domestika tal-Parti esportatriċi. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, din tinkiteb bil-linka b'ittri kapitali. Fil-każ ta' esportazzjonijiet minn Singapore, id-dikjarazzjoni tal-oriġini timtela billi tintuża l-verżjoni Ingliża u fil-każ ta' esportazzjonijiet mill-Unjoni, id-dikjarazzjoni tal-oriġini tista' timtela f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi fl-Anness E għal dan il-Protokoll.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jkollhom fuqhom il-firma oriġinali tal-esportatur miktuba bl-idejn. Esportatur approvat kif imsemmi fl-Artikolu 18 (Esportatur Approvat) ma jkunx meħtieġ jiffirma tali dikjarazzjonijiet, diment li jagħti lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni tal-oriġini li tidentifikah daqslikieku ġiet iffirmata bl-idejn minnu.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' timtela wara l-esportazzjoni f'eċċezzjonijiet ("dikjarazzjoni retrospettiva") bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fil-Parti importatriċi xejn iktar minn sentejn wara, fil-każ tal-Unjoni, u sena, fil-każ ta' Singapore, wara li l-merkanzija tidħol fit-territorju.

ARTIKOLU 18

Esportatur Approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur li jesporta prodotti skont dan il-Ftehim, biex jimla dikjarazzjonijiet tal-oriġini irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati (minn hawn 'il quddiem "esportatur approvat"). Kull esportatur li jfittex tali awtorizzazzjoni jrid joffri għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali l-garanziji kollha neċessarji sabiex jiġi vverifikat l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kif ukoll li ssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat soġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni jagħtu lill-esportatur approvat numru tal-awtorizzazzjoni doganali li jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Huma jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew inkella jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

ARTIKOLU 19

Validità tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini

1. Dikjarazzjoni tal-oriġini tkun valida għal tnax-il xahar mid-data tal-ħruġ fil-Parti esportatriċi. Jintalab trattament tariffarju preferenzjali matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi.

2. Id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-finijiet ta' applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali, fejn in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun seħħ minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet ta' preżentazzjoni tardiva ħlief dawk tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jistgħu jaċċettaw id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel id-data finali msemmija.

ARTIKOLU 20

Sottomissjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini

Sabiex jintalab trattament tariffarju preferenzjali, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi skont il-proċeduri applikabbli f'dik il-Parti. It-tali awtoritajiet jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oriġini.

ARTIKOLU 21

Importazzjoni Gradwali

Meta, fuq talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi, jiġu importati b'mod gradwali prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, tiġi ppreżentata dikjarazzjoni waħda tal-oriġini għat-tali prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel kunsinna.

ARTIKOLU 22

Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni tal-Oriġini

1. Prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr ma jkun hemm bżonn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tal-oriġini, diment li tali prodotti ma jkunux importati b'mod kummerċjali u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali CN22/CN23 jew fuq folja mehmuża ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet li jkunu okkażjonali u li jkunu jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew il-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom ma jitqiesux bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk ikun evidenti mill-għamla u l-kwantità tal-prodotti li ma jkun hemm l-ebda skop kummerċjali maħsub.

3. Il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma jaqbiżx il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1200 fil-każ ta' prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi.

ARTIKOLU 23

Dokumenti ta' Sostenn

Id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 17 (Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni tal-Oriġini) użati għall-iskop ta' prova li l-prodotti koperti b'dikjarazzjoni tal-oriġini jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jew f'Singapore u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll, jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta tal-proċessi mwettqa mill-esportatur, il-fornitur sabiex jikseb il-prodotti kkonċernati, li jinstabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;

(b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus tal-oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula f'Parti, meta dawn id-dokumenti jintużaw kif previst fil-liġi domestika; jew

(c) dokumenti li jagħtu prova li x-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali f'Parti, maħruġa jew magħmula f'Parti, meta dawn id-dokumenti jintużaw kif previst fil-liġi domestika.

ARTIKOLU 24

Preżervazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Oriġini u tad-Dokumenti ta' Sostenn

1. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-oriġini jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-oriġini għal tal-inqas tliet snin kif ukoll id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 17 (Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni tal-Oriġini).

2. L-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jżommu id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini sottomessi lilhom għal tal-inqas tliet snin.

3. Kull Parti tippermetti, skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti, li l-esportaturi fit-territorju tagħha jżommu dokumentazzjoni jew rekords fi kwalunkwe midjum, diment li d-dokumentazzjoni jew ir-rekords ikunu jistgħu jinstabu u jiġu stampati.

ARTIKOLU 25

Diskrepanzi u Żbalji Formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali bil-għan li jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma trendix *ipso facto* d-dikjarazzjoni tal-oriġini nulla u bla effett jekk ikun stabbilit sewwa li tali dokument ma jikkorrispondix għall-prodotti ppreżentati.

2. Żbalji formali ovvji bħal żbalji tat-tajping f'dikjarazzjoni tal-oriġini ma jwasslux sabiex dan id-dokument jiġi rifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

ARTIKOLU 26

Ammonti f'Euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu 1(a)(ii) tal-Artikolu 17 (Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni tal-Oriġini) u l-paragrafu 3 tal-Artikolu 22 (Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni tal-Oriġini) f'każijiet fejn il-prodotti jiġu fatturati f'munita li mhijiex l-euro, l-ammonti fil-muniti nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni ekwivalenti għall-ammonti f'euro jiġu stabbiliti kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Kunsinna tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu 1(a)(ii) tal-Artikolu 17 (Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni tal-oriġini) u l-paragrafu 3 tal-Artikolu 22 (Eżenzjonijiet mid-Dikjarazzjoni tal-Oriġini) b'referenza għall-munita li biha tkun tfasslet il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-Parti kkonċernata.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali partikolari jkunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti f'euro hekk kif kienu fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru. L-ammonti jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea tinnotifika lill-pajjiżi kkonċernati kollha dwar l-ammonti relevanti.

4. Stat Membru tal-Unjoni jista' jżid jew inaqqas l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont f'euro. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ivarja mill-ammont li jirriżulta mill-kambju b'aktar minn ħamsa fil-mija. Stat Membru tal-Unjoni jista' jħalli l-istess l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-konverżjoni ta' dak l-ammont, qabel ma jinqata' għad-dritt, tirriżulta f'żieda ta' inqas minn ħmistax fil-mija fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali jista' jinżamm l-istess jekk il-konverżjoni tirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti f'euro jiġu eżaminati mill-Partijiet fil-Kumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati) fuq it-talba tal-Unjoni jew ta' Singapore. Meta jwettqu din ir-reviżjoni, il-Partijiet jikkunsidraw ix-xewqa li jinżammu f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dawn il-finijiet, il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitati Doganali, jimmodifikaw l-ammonti f'euro.

TAQSIMA 6

ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

ARTIKOLU 27

Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti

1. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli biex jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

2. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fl-ivverifikar tal-awtentiċità tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

ARTIKOLU 28

Verifika tad-Dikjarazzjonijiet tal-Oriġini

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jitwettqu b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jkollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jagħtu lura, jekk tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni tal-oriġini jew kopja ta' dak id-dokument, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi u, fejn ikun xieraq, jagħtu r-raġunijiet għat-talba. Kwalunkwe dokument u informazzjoni miksuba li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-oriġini hija żbaljata jintbagħtu b'sostenn tat-talba għall-verifika.

3. Il-verifika titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi. Għal dan l-għan, huma jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti jiġi offrut lill-importatur soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li titqies neċessarja. Kwalunkwe sospensjoni tat-trattament preferenzjali terġa' tiddaħħal malajr kemm jista' jkun wara li jiġi żgurat l-istatus tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati jew l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll mill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi.

5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika jiġu mgħarrfa bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati jridu jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Partijiet u jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkun hemm l-ebda risposta fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tiġi determinata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

ARTIKOLU 29

Inkjesti Amministrattivi

1. Meta r-riżultati tal-proċedura ta' verifika jew xi informazzjoni sostantiva disponibbli oħra donnhom jindikaw li jkunu qed jinkisru d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, il-Parti esportatriċi, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-Parti l-oħra, twettaq inkjesti xierqa jew tara li jitwettqu t-tali inkjesti bl-urġenza xierqa biex jiġi identifikat u evitat it-tali ksur. Ir-riżultati tat-tali inkjesti jiġu kkomunikati lill-Parti li titlob li ssir it-tali verifika.

2. Il-Parti li titlob li ssir il-verifika tista' tkun preżenti fl-inkjesti, soġġetta għall-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti fil-Parti esportatriċi.

3. Meta Parti tkun għamlet sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, ta' nuqqas ripetut[1] biex tiġi pprovduta kooperazzjoni amministrattiva skont din it-Taqsima, jew ta' frodi sistematiku u intenzjonali mill-Parti l-oħra, il-Parti kkonċernata tista' tissospendi b'mod temporanju t-trattament preferenzjali relevanti tal-prodott jew il-prodotti kkonċernati skont il-paragrafu 4.

[1] Għall-finijiet tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 29 (Inkjesti Amministrattivi), nuqqas ripetut milli tingħata kooperazzjoni amministrattiva għandu jfisser, fost l-oħrajn, nuqqas ripetut milli jiġu rrispettati l-obbligi ta' verifika tal-istatus tal-oriġini tal-prodott(i) kkonċernat(i), jew rifjut ripetut jew dewmien żejjed fit-twettiq u/jew il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-inkjesti u/jew verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini, fuq perjodu kontinwu ta' għaxar xhur.

4. L-applikazzjoni ta’ sospensjoni temporanja tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Parti li tagħmel sejba, skont il-paragrafu 3, bla dewmien żejjed tinnotifika lill-Kumitat dwar in-Negozju stabbilit skont l-Artikolu 16.1 (Kumitat dwar in-Negozju) bis-sejba tagħha flimkien mal-informazzjoni oġġettiva u l-azzjoni li tirrakkomanda li għandha tittieħed. Mar-riċevuta ta’ din in-notifika, il-Kumitat dwar in-Negozju jiddelibera dwar l-azzjoni xierqa fuq il-bażi tal-informazzjoni relevanti kollha u s-sejbiet oġġettivi, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet. Matul il-perjodu tal-konsultazzjonijiet imsemmijin hawn fuq, il-prodott(i) ikkonċernat(i) jgawdi/u minn trattament preferenzjali;

(b) meta l-Partijiet ikunu daħlu f’konsultazzjonijiet mal-Kumitat dwar in-Negozju u jkunu naqsu milli jaqblu dwar soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur min-notifika, il-Parti kkonċernata tista’ tissospendi b’mod temporanju t-trattament preferenzjali relevanti tal-prodott(i) ikkonċernat(i) sa fejn huwa strettament neċessarju biex tindirizza t-tħassib tal-Parti. It-tali sospensjoni temporanja tiġi notifikata lill-Kumitat dwar in-Negozju bla dewmien żejjed;

(c) sospensjonijiet temporanji skont dan l-Artikolu jkunu proporzjonati għall-impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Parti kkonċernata li jirriżultaw mis-sitwazzjoni li wasslet għas-sejba tal-Parti msemmija fil-paragrafu 3. Dawn ma jaqbżux perjodu ta’ sitt xhur, li jista’ jiġġedded, jekk fid-data tal-iskadenza ma jkun inbidel xejn sostantiv fir-rigward tal-kundizzjoni li wasslet għas-sospensjoni inizjali; u

(d) sospensjonijiet temporanji, u kwalunkwe tiġdid tagħhom, jiġu notifikati minnufih lill-Kumitat dwar in-Negozju wara li jiġu adottati. Dawn ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kumitat dwar in-Negozju, b'mod partikolari fir-rigward tat-terminazzjoni tagħhom malli ma jibqgħux japplikaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 30

Soluzzjoni għat-Tilwim

1. Meta jinqalgħu kwistjonijiet relatati mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 28 (Verifika tad-Dikjarazzjonijiet tal-Oriġini) li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti bejn l-awtoritajiet doganali li jitolbu verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli sabiex iwettqu din il-verifika, jew meta tinqala' kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, dawn jiġu ppreżentati lill-Kumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati).

2. It-tilwim kollu bejn l-importatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi jiġu solvuti skont il-leġiżlazzjoni ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 31

Penali

Il-Partijiet jipprovdu għal proċeduri sabiex jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża li jitfassal, dokument li jkun fih informazzjoni żbaljata bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

TAQSIMA 7

CEUTA U MELILLA

ARTIKOLU 32

Applikazzjoni ta' dan il-Protokoll

1. It-terminu "Unjoni" ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw f'Singapore, meta jiġu importati f'Ceuta jew Melilla, igawdu f'kull aspett mill-istess sistema doganali bħal dik li applikata għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni skont il-Protokoll 2 tal-*Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża* fl-Unjoni. Singapore tagħti lill-importazzjonijiet ta' prodotti koperti mill-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla l-istess skema doganali bħal dik mogħtija lil prodotti importati mill-Unjoni u li joriġinaw minnha.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll japplika *mutatis mutandis* soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 33 (Kundizzjonijiet Speċjali).

ARTIKOLU 33

Kundizzjonijiet Speċjali

1. Diment li jkunu ġew ittrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(Nonalterazzjoni), dawn li ġejjin jitqiesu bħala:

(a) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:

(i) prodotti miksuba kompletament f'Ceuta u Melilla;

(ii) prodotti miksuba f'Ceuta u Melilla li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti ħlief dawk imsemmija f'(a), diment li:

(aa) it-tali prodotti jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 5 (Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Suffiċjentement); jew

(bb) dawk il-prodotti joriġinaw f'Parti, diment li jkunu ġew sottomessi għal xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti).

(b) prodotti li joriġinaw f'Singapore:

(i) prodotti miksubin kompletament f'Singapore;

(ii) prodotti miksuba f'Singapore li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti ħlief dawk imsemmija f'(a), diment li:

(aa) it-tali prodotti jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 5 (Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Suffiċjentement); jew

(bb) dawk il-prodotti joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fl-Unjoni, diment li jkunu ġew sottomessi għal xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti).

2. Ceuta u Melilla jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jniżżel "Singapore" u "Ceuta u Melilla" fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti li joriġinaw f'dawn it-territorji rispettivament.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli jkunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

TAQSIMA 8

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 34

Emendi għal dan il-Protokoll

Permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat Doganali stabbiliti skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), il-Partijiet jistgħu jemendaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Wara l-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni u wieħed mill-pajjiżi ASEAN jew iktar, il-Partijiet jistgħu, permezz ta' deċiżjoni fil-Kumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 16.2 (Kumitati Speċjalizzati), jemendaw jew jadottaw dan il-Protokoll u b'mod partikolari l-Anness C imsemmi fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 3 (Kumulazzjoni tal-Oriġini) biex tiġi żgurata koerenza bejn ir-regoli tal-oriġini applikabbli fi ħdan il-kuntest tal-iskambji preferenzjali bejn il-pajjiżi ASEAN u l-Unjoni.

ARTIKOLU 35

Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Merkanzija fi Tranżitu jew Maħżuna

Dan il-Ftehim jista’ jiġi applikat għal prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll u li fid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim huma fi tranżitu, fil-Partijiet għal ħażna temporanja, f’imħażen doganali jew f’żoni liberi, soġġetti għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi, fi żmien 12-il xahar minn dik id-data, ta’ dikjarazzjoni tal-oriġini mfassla b’mod retrospettiv u, jekk jintalbu, id-dokumenti li juru li l-oġġetti ġew trasportati direttament skont l-Artikolu 13 (Nonalterazzjoni).

ANNESS A

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS B

Nota 1 – Introduzzjoni ġenerali

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-prodotti kollha jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 5 (Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed) ta' dan il-Protokoll. Hemm erba' tipi differenti ta' regola, li jvarjaw skont il-prodott:

(a) permezz ta' ħdim jew ipproċessar, ma jinqabiżx kontenut massimu ta' materjali li ma joriġinawx;

(b) permezz ta' ħdim jew ipproċessar, l-intestatura tas-Sistema Armonizzata b'4 ċifri jew is-subintestatura tas-Sistema Armonizzata b'6 ċifri tal-prodotti manifatturati ssir differenti mill-intestatura tas-Sistema Armonizzata b'4 ċifri jew is-subintestatura b'6 ċifri rispettivament tal-materjali użati;

(c) titwettaq operazzjoni speċifika ta' ħdim u pproċessar; u

(d) il-ħdim jew l-ipproċessar isir fuq ċerti materjali miksubin kompletament.

Nota 2 – L-istruttura tal-lista

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-prodotti użati f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonna 3. Meta, f'xi każijiet, l-entrata fl-ewwel kolonna tkun preċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestaturi jingabru flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata numru tal-Kapitolu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3 ikunu japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata huma kklassifikati f'intestaturi tal-Kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġburin flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn ikun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3.

2.4. Meta żewġ regoli alternattivi huma stipulati fil-kolonna 3, separati bil-kelma "*jew*", l-esportatur jista' jagħżel liema waħda juża.

Nota 3 – Eżempji ta’ kif jiġu applikati r-regoli

3.1. Japplika l-Artikolu 5 (Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Suffiċjentement) tal-Protokoll, dwar prodotti li jkunu kisbu status tal-oriġini li jintużaw fil-manifattura ta’ prodotti oħra, irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f’fabbrika oħra f’Parti.

3.2. Skont l-Artikolu 6 (Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti) tal-Protokoll, il-ħdim jew l-ipproċessar imwettaq irid imur lil hinn mil-lista tal-operazzjonijiet imsemmijin f’dak l-Artikolu. Jekk le, il-prodotti ma jikkwalifikawx għall-għoti tal-benefiċċju ta’ trattament tariffarju preferenzjali, anki jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista ta’ hawn taħt.

Soġġetti għad-dispożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-regoli fil-lista jirrappreżentaw l-ammont minimu ta’ xogħol jew ipproċessar meħtieġ, u t-twettiq ta’ iktar xogħol jew ipproċessar jagħti status tal-oriġini wkoll; min-naħa l-oħra, it-twettiq ta’ inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status tal-oriġini.

Għaldaqstant, jekk regola tistipula li, f’ċertu livell tal-manifattura, jista’ jintuża materjal li ma joriġinax, l-użu ta’ materjal bħal dan fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa awtorizzat, mentri l-użu ta’ materjal bħal dan fi stadju aktar tard mhuwiex.

Jekk regola tistipula li, f'ċertu livell tal-manifattura, ma jistax jintuża materjal li ma joriġinax, l-użu ta' materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa awtorizzat, mentri l-użu ta' materjali fi stadju iktar tard mhuwiex.

Eżempju: meta r-regola tal-lista għall-Kapitolu 19 titlob li "materjali li ma joriġinawx tal-intestaturi 1101 sa 1108 ma jistgħux jaqbżu l-20 fil-mija", l-użu (jiġifieri l-importazzjoni) ta' ċereali tal-Kapitolu 10 (materjali fi stadju iktar bikri tal-manifattura) mhuwiex limitat.

3.3. Mingħajr ħsara għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", f'dak il-każ jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), iżda soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni speċifika li jista' jkun hemm ukoll fir-regola.

L-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali tal-intestatura…" jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħrajn tal-istess intestatura bħall-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn iżjed minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma teħtieġx li jintużaw kollha.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott irid jiġi manifatturat minn materjal partikolari, ir-regola ma żżommx milli jintużaw materjali oħrajn li, minħabba l-għamla inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni.

3.6. Meta, f'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjal li ma joriġinawx li jista' jintuża, dawn il-perċentwali ma jkunux jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha li ma joriġinawx użat qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla waħda mill-perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4 – Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ċerti prodotti agrikoli

4.1. Prodotti agrikoli li jaqgħu taħt il-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 2401 li jitkabbru jew jinħasdu fit-territorju ta' pajjiż benefiċjarju jiġu ttrattati li joriġinaw fit-territorju ta' dak il-pajjiż, anki jekk jitkabbru minn żerriegħa, basal, salvaġġ, biċċa pjanta, tilqima, nebbieta, għajn, jew partijiet ħajjin oħrajn tal-pjanti importati minn pajjiż ieħor.

4.2. F'każijiet fejn il-kontenut ta' zokkor li ma joriġinax fi prodott partikolari jkun soġġett għal limitazzjonijiet, għall-kalkolu tat-tali limitazzjonijiet jitqies il-piż taz-zokkor tal-intestaturi 1701 (sukrows) u 1702 (pereżempju fruktows, glukows, laktows, maltosju, isoglukows jew zokkor maqlub) użati fil-manifattura tal-prodott finali u użati fil-manifattura tal-prodotti li ma joriġinawx inkorporati fil-prodott finali.

Nota 5 - Terminoloġija użata fir-rigward ta' ċerti prodotti tessili

5.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista sabiex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel ma jseħħ l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxin, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux mibruma.

5.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi krin tal-intestatura 0511, ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar fin jew aħrax ta' annimali tal-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom isiru l-karta" jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, mhux klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

5.4. It-terminu "fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat" jirreferi għal filament sintetiku jew artifiċjali, fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 6 - Tolleranzi applikabbli għal prodotti magħmulin minn taħlita ta' materjali tessili

6.1. Meta, għal xi prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stipulati fil-kolonna 3 ma jiġux applikati għal xi materjali tessili bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu kollha f'daqqa, jirrappreżentaw 10 % jew inqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 6.3 u 6.4).

6.2. It-tolleranza msemmija fin-Nota 6.1 tista' tiġi applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew iktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

– il-ħarir;
– is-suf;
– ix-xagħar aħrax tal-annimali;
– ix-xagħar fin tal-annimali;
– il-krin;
– il-qoton;
– il-materjali li minnhom issir il-karta u l-karta;
– il-kittien;
– il-qanneb;
– il-ġuta u fibri oħrajn tessili tat-tilju;
– is-sisal u fibri tessili oħrajn tal-ġens Agave;
– il-fibri tal-ġewż tal-Indi, il-manalla, ir-rami u fibri tessili veġetali oħrajn;
– il-filamenti sintetiċi magħmulin mill-bniedem;
– il-filamenti artifiċjali magħmulin mill-bniedem;
– il-filamenti li jittrażmettu l-kurrent;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-polipropilene;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-poliester;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-poliamid;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-poliakrilonitril;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-polimid;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-politetrafluworoetilin;
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem tal-poli(fenlen sulfur);
– il-fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat magħmula mill-bniedem

tal-poli(vinil klorur);

– il-fibri sintetiċi ta’ qisien ta’ qosor predeterminat oħrajn magħmulin mill-bniedem;
– il-fibri artifiċjali ta’ qisien ta’ qosor predeterminat magħmulin mill-bniedem tal-viskożju;
– il-fibri artifiċjali ta’ qisien ta’ qosor predeterminat oħrajn magħmulin mill-bniedem;
– il-ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat b’segmenti flessibbli ta’ polieter, kemm jekk b’wajer ġo fih kif ukoll jekk le;
– il-ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat b’segmenti flessibbli ta’ piliester, kemm jekk b’wajer ġo fih kif ukoll jekk le;
– il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut immetallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f’qalba ta’ tertuqa tal-aluminju jew qalba ta’ rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, infilzata b’kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta’ rita tal-plastik;
– il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605;
– fibri tal-ħġieġ;
– fibri tal-metall.

Eżempju:

Ħajta, tal-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5506, hija ħajta mħallta. Għalhekk, fibri sintetiċi ta’ qisien ta’ qosor predeterminat li ma joriġinawx li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini jistgħu jintużaw, diment li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini, jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini, jew taħlita tat-tnejn, jista' jintuża, diment li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp bil-biebe, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih minnu nnifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut klassifikati f'żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton użati jkunu taħlitiet huma stess.

Eżempju:

Jekk id-drapp bil-biebe ikkonċernat ikun ġie magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, f'dak il-każ, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u, għalhekk, id-drapp bit-trofof huwa prodott imħallat.

6.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħajt magħmul mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter, kemm jekk b'wajer ġo fih kif ukoll jekk le", din it-tolleranza hija 20 % fir-rigward ta' dan il-ħajt.

6.4. Fil-każ ta’ prodotti li fihom “strixxa li tikkonsisti f’qalba ta’ tertuqa tal-aluminju jew qalba ta’ rita tal-plastik kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux iktar minn 5 mm, infilzata permezz ta’ kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta’ rita tal-plastik", din it-tolleranza hija 30 % fir-rigward ta’ din l-istrixxa.

Nota 7 - Tolleranzi oħrajn applikabbli għal ċerti prodotti tessili

7.1. Fejn fil-lista ssir referenza għal din in-Nota, jistgħu jintużaw materjali tessili (ħlief inforri u drapp barrani miżjud bejn l-inforra u d-drapp), li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 għall-prodott magħmul ikkonċernat, diment li jkunu klassifikati f’intestatura li ma jkunux dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

7.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, materjali li ma jkunux klassifikati fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63, jistgħu jintużaw liberament fil-manifattura ta’ prodotti tessili, kemm jekk ikunu fihom tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tistipula li, għal oġġett tessili partikolari (pereżempju qalziet), irid jintuża l-ħajt, dan ma jfissirx li ma jistgħux jintużaw oġġetti tal-metall, bħal buttuni, għaliex il-buttuni mhumiex klassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jimpedix l-użu ta’ żippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

7.3. Fejn tapplika regola dwar il-perċentwali, il-valur tal-materjali li ma joriġinawx li mhumiex klassifikati fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 irid jitqies meta jiġi kkalkolat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jkun inkorporat.

Nota 8 - Definizzjoni tal-proċessi speċifiċi u l-operazzjonijiet sempliċi mwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-Kapitolu 27

8.1. Għall-finijiet tal-intestaturi *ex* 2707 u 2713, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni f'vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa;

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkorpora dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċtu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

8.2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni f'vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni b'ħafna reqqa;

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkorpora dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċtu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni;

(k) fir-rigward ta’ żjut tqal tal-intestatura *ex* 2710 biss, desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li tirriżulta fi tnaqqis ta’ għallinqas 85 % tal-kontenut sulfuriku tal-prodotti proċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) rigward prodotti tal-intestatura 2710 biss, deparaffinar bi proċess li mhuwiex filtrar;

(m) rigward ta’ żjut tqal tal-intestatura *ex* 2710 biss, trattament bl-idroġenu, bi pressjoni ta’ iktar minn 20 bar u temperatura ta’ iktar minn 250 °C, bl-użu ta’ katalist, minbarra biex tiġi effettwata desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f’reazzjoni kimika. Madankollu, it-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta’ żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (pereżempju irfinar bl-idroġenu (hydrofinishing) jew tneħħija ta’ kulur), biex, l-aktar, jittejjeb il-kulur jew l-istabilità m’għandux, iżda, jitqies li huwa proċess speċifiku;

(n) rigward karburanti tal-intestatura *ex* 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, b'kundizzjoni li inqas minn 30 % ta’ dawn il-prodotti tiddistilla, bil-volum, inkluż telf, fi 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;

(o) rigward żjut tqal minbarra żjut tal-gass u karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta’ skarga elettrika (brush discharge) ta’ frekwenza għolja;

(p) rigward prodotti mhux maħdumin (minbarra vażelina, ożoċerita, xema' lignite jew xama' tal-pit, xama' bajda (tal-parafina) li fiha anqas minn 0.75 % żejt bil-piż) tal-intestatura ex 2712 biss, tneħħija taż-żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.

8.3. Għall-finijiet tal-intestatura *ex* 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, dikanar, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, iffiltrar, tilwin, immarkar, kisba ta' kontenut ta' sulfru minħabba taħlit ta' prodotti ma' kontenuti differenti ta' sulfur, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

ANNESS B

LISTA TAX-XOGĦOL JEW TAL-IPPROĊESSAR LI MEĦTIEĠ ISIR FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB STATUS TAL-ORIĠINI

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 inkisbu kompletament
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura li fiha l-laħam u l-ġewwieni li jittiekel kollha użati jinkisbu kompletament
ex Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, ħlief:	Il-ħut u l-krustaċji, il-molluski u l-invertebrati akkwatiċi l-oħrajn kollha huma miksubin kompletament
ex 0301.10	Ħut ornamentali tal-ilma baħar minn akkwakultura	Imrobbijin hemm minn bajd, larva, ħut żgħir jew ħut li għadu ma kibirx għal perjodu ta' xejn inqas minn xahrejn, li fih il-valur tal-bajd, larva, ħut żgħir u ħut li għadu ma kibirx użati ma jaqbiżx il-65 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
0304	Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew friżat	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu kompletament
0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew matul il-proċess ta' affumikar; dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu kompletament

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
ex 0306	Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfin, immellħin jew f'salmura; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasta u gerbub ta' krustaċji, tajbin għal konsum uman	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu kompletament
ex 0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi minbarra krustaċji u molluski, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasta u gerbub ta' krustaċji, tajbin għal konsum uman	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu kompletament
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali li mhumiex imsemmijin jew inklużi xi mkien band'oħra;	Manifattura li fiha: - il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jinkisbu kompletament; u - il-piż taz-zokkor[1] użat ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 0511 91	Bajd u massi interni tal-bajd mhux tajbin għall-konsum uman	Il-bajd u l-massi interni tal-bajd kollha jinkisbu kompletament
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jinkisbu kompletament
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jinkisbu kompletament

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	Manifattura li fiha: - il-frott, il-ġewż u l-qxur tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ tal-Kapitolu 8 użati kollha kemm huma jinkisbu kompletament, u - il-piż taz-zokkor[1] użat ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 9	Kafè, tè, matè u ħwawar;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jinkisbu kompletament
Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; ħlief:	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 10 u 11, l-intestaturi 0701 u 2303, u s-subintestatura 0710 10 użati jinkisbu kompletament
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmugħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott
Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi u linef u estratti veġetali oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, li fihom il-piż taz-zokkor[2] użat ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

[2] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat ta' annimali jew ħxejjex; ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott
1501 sa 1504	Grass tal-majjal, tjur, frat, nagħaġ u mogħoż, ħut, eċċ.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott
1505, 1506 u 1520	Xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluża lanolina). Xaħmijiet u żjut oħra tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti jew le, iżda mhux immodifikati kimikament. Gliċerol, mhux raffinat; ilmijiet u soluzzjonijiet tal-gliċerol.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
1509 u 1510	Żejt taż-żebbuġ u l-frazzjonijiet tiegħu	Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu kompletament
1516 u 1517	Xaħmijiet u żjut ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati jinkisbu kompletament

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott
1702	Zokkrijiet oħrajn, inkluż laktows, maltosju, glukows u fruktows kimikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, li fiha l-piż tal-materjali tal-intestaturi 1101 sa 1108, 1701 u 1703 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-prodott finali
1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż individwali taz-zokkor[1] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor[2] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

[2] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż individwali taz-zokkor[1] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor[2] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 19	Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 2, 3 u 16 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - - il-piż individwali taz-zokkor[3] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - - il-piż totali kombinat taz-zokkor[4] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.
[2] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.
[3] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.
[4] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
ex 1901.20 *ex* 1901.90 *ex* 1902.19 *ex* 1902.20 *ex* 1902.30 *ex* 1905.90	-Taħlit u għaġina tad-dqiq, groats (xgħir u barli miħun oħxon), trab tal-qamħ, lamtu jew estratt tal-melħ (Roti Paratha (印度拉餅或甩甩餅), Ross Magħġun tal-Gluteina (汤圆)) -Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tal-estratt ta' dqiq, groats (xgħir u barli miħun oħxon), trab tal-qamħ, lamtu jew xgħir (Protomalt / Milo) -Għaġina (Spring Roll veġetali u tat-tiġieġ (春卷) u Għaġina għall-ispring rolls((春卷皮), imsajra jew mhux imsajra - Samosa Veġetali (萨莫萨三角饺) – imsajra minn qabel jew mhix; - Għaġina tas-Samosa (萨莫萨三角饺皮) – imsajra minn qabel jew mhix; - tgeżwiriet orjentali (水饺**皮**) għal Ġilda tal-Gyoza (云吞皮) u għall-Ġilda tal-Wonton (云吞皮) , imsajra u mhix; Tgeżwira għall-Papra ta' Peking, imsajra minn qabel jew imsajra (烤鸭皮） -Għaġin, imsajra jew inkella ppreparata (Taljarini/Ramen Istantanji, taljarini mhux moqlijin, taljarini tal-pakkett stir-fried ((快熟面/ 拉面).	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 2, 3 u 16 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-70 % tal-piż tal-prodott finali

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
	-Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew ippreparat b'xi mod ieħor, li ma fihx bajd (Taljarini tar-Ross (肠粉)) (Taljarini tar-Ross Istantanji (快熟河粉))	
	- Għaġin, mimli bil-laħam jew sustanzi oħrajn, kemm jekk imsajrin jew le jew ippreparati b'xi mod ieħor	
	- Panina tal-kastard ((奶皇包); panina tal-mini lotus, panina tal-mini jam, panina tal-fażola ħamra.	
	- Ħobż Orjentali: Pandan, sempliċi, taċ-ċikkulata (馒头））	
ex Kapitolu 20	Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti; ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, li fihom il-piż taz-zokkor[1] użat ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
2002 u 2003	Tadam, faqqiegħ u tartuf, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 7 u 8 jintużaw kompletament

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
ex Kapitolu 21	Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel; ħlief għal	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż individwali taz-zokkor[1] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor[2] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex 2101.11 *ex* 2101.12 *ex* 2101.20 *ex* 2103.10 *ex* 2103.90 *ex* 2104.10 *ex* 2106.90	- Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè - Preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè - Estratti, essenzi u konċentrati, ta' tè jew matè, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' tè jew matè - zalza tas-sojja - Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin (ħlief zalza tas-sojja, keċap tat-tadam u zlazi oħrajn tat-tadam, mustarda, u dqiq u pasta tal-mustarda) - Ċili tal-Balacan; - Taro Miksi bil-Ħobż (滚面包层的芋头) - sopop bil-Ħlewwa stellata, żagħfran tal-Indja, bżar, kemmun, imsiemer tal-qronfol, kannella, ċili, żerriegħa tal-kosbor u ħwawar oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott li fih: - il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-60 % tal-piż tal-prodott finali

[1] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

[2] Ara n-Nota Introduttorja 4.2.

Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti status tal-oriġini
Kapitolu 22	Xorb, spirti u ħall	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott u l-intestaturi 2207 u 2208, li fihom: - il-materjali kollha tas-subintestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 użati jinkisbu kompletament, u
		- il-piż individwali taz-zokkor[1] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u - il-piż totali kombinat taz-zokkor[2] u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 23	Fdal u skart mill-industriji tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat; ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott
